



Brussell, 19 ta' Marzu 2026
(OR. en)

EUCO 2/26

CO EUR 2

NOTA

minn:	President tal-Kunsill Ewropew
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (19 ta' Marzu 2026) - Ukrajna

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Ukrajna. It-test li jinsab f'dan id-dokument ġie appoġġat bis-sħiħ minn 25 Kap ta' Stat jew ta' Gvern.

UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet ma' Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna.
2. Hekk kif deħlin fil-ħames sena tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi, sod u sostnut tiegħu għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tippovdi, f'koordinazzjoni ma' sħab u alleati tal-istess fehma, appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku komprensiv lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha.
3. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar il-kuraġġ, id-determinazzjoni u r-reżiljenza tal-poplu Ukren u tal-mexxejja tiegħu fir-reżistenza għall-aggressjoni Russa u fid-difiża ta' arthom. L-Ukrajna rnexxielha żżomm sod u tirreżisti l-perssjoni enormi tar-Russja, u b'hekk ir-Russja ma setgħetx tilħaq l-oġġettivi militari u strateġiċi tagħha. F'dak il-kuntest huwa essenzjali li l-Ukrajna tibqa' reżiljenti u li jkollha l-mezzi baġitarji u militari biex tkompli teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża u tiġġieled u tkun deterrent għall-aggressjoni tar-Russja.
4. Il-futur tal-Ukrajna u taç-ċittadini tagħha jinsab fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress sinifikanti li l-Ukrajna kisbet s'issa taħt l-aktar ċirkostanzi diffiċli u jinkoraġġixxi r-riformi ulterjuri meħtieġa. Wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, u filwaqt li jieħu nota tajba li l-ħidma teknika biex jinfetħu l-ġabriet kollha avanzat fil-Kunsill, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill jiftaħ il-ġabriet mingħajr dewmien, billi jibda bil-ġabra tal-elementi fundamentali, f'konformità mal-metodoloġija tat-tkabbir u f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-mertu.

5. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-appoġġ qawwi tal-Unjoni għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali u mirfuda minn garanziji tas-sigurtà robusti u kredibbli għall-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-isforzi diplomatiċi li għaddejjin biex tintemm il-gwerra u jappoġġa bis-sħiħ lill-Ukrajna fin-negozjati. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lir-Russja taqbel dwar waqfien mill-ġlied sħiħ, mingħajr kundizzjonijiet u immedjat u tidħol f'negozjati sinifikattivi lejn paċi ġusta u dejjiema. Biex il-paċi tkun ġusta u dejjiema, irridu nibnu fuq ir-rispett għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Il-fruntieri ma jistgħux jinbidlu bil-forza, l-aggressur ma jistax jiġi ppremjat u s-sigurtà tal-Ukrajna u l-abbiltà tagħha li tiddefendi lilha nnifisha għal żmien twil iridu jiġu ggarantiti.
6. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jipparteċipaw b'mod attiv fl-isforzi għall-paċi, f'konformità mal-għan tal-Unjoni Ewropea li tippromwovi l-paċi, kif minqux fit-Trattati. It-triq għall-paċi fl-Ukrajna ma tistax tiġi deċiża mingħajr l-Ukrajna. L-Unjoni Ewropea ser tiddeċiedi dwar kwistjonijiet fil-kompetenza tagħha jew li jaffettwaw is-sigurtà tagħha.
7. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jinsabu lesti li jikkontribwixxu għal garanziji tas-sigurtà robusti u kredibbli għall-Ukrajna, b'mod partikolari permezz tal-Koalizzjoni tal-Partijiet Disposti u f'kooperazzjoni mal-Istati Uniti. Dan ser jinkludi l-appoġġ għall-kapaċità tal-Ukrajna li tiskoraġġixxi l-aggressjoni u tiddefendi lilha nnifisha b'mod effettiv, anke għal żmien twil, inkluż permezz tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) u l-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea fl-Ukrajna (EUAM Ukraine). Il-kontribut tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ser ikun ibbażat fuq il-kompetenzi u l-mezzi rispettivi tagħhom u f'konformità mad-dritt internazzjonali.

8. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa lir-Russja talli sistematikament u deliberatament immirat l-infrastruttura ċivili u tal-enerġija tal-Ukrajna, u speċifikament l-impjanti ta' tiżhin u enerġija. Huwa jilqa' l-appoġġ għall-enerġija u l-assistenza umanitarja u tal-protezzjoni ċivili provduti lill-Ukrajna mill-UE u l-Istati Membri tagħha kif ukoll mis-sħab internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar sforzi intensifikati mill-UE, ikkoordinati mal-isforzi tas-sħab internazzjonali, biex jgħinu lill-Ukrajna ssewwi, tibni mill-ġdid u ssaħħaħ b'mod urġenti r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tagħha.
9. Wara d-deċiżjoni tiegħu ta' Diċembru 2025 li jipprovdi lill-Ukrajna b'self ta' appoġġ ta' EUR 90 biljun għall-2026 u l-2027, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tas-self mill-koleġiżlaturi u jistenna b'interess l-ewwel żborż lill-Ukrajna sal-bidu ta' April. F'dan il-kuntest, jappella wkoll għal involviment intensifikat ma' pajjiżi terzi biex jgħinu tingħalaq id-diskrepanza li fadal ta' EUR 30 biljun fil-finanzi tal-Ukrajna.
10. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' sforzi sostnuti ulterjuri biex jingħata appoġġ militari lill-Ukrajna u jiġu aċċellerati b'mod urġenti l-produzzjoni u t-twassil ta' tagħmir ta' prijorità, b'mod partikolari s-sistemi ta' difiża tal-ajru, il-munizzjon, id-droni u l-missili, inkluż biex l-Ukrajna tiġi meġġjuna tiproteġi l-infrastruttura tal-enerġija u l-infrastruttura kritika tagħha. F'dan il-kuntest, l-iżvilupp tal-industrija tad-difiża tal-Ukrajna, inkluż permezz tal-kooperazzjoni industrijali fil-qasam tad-difiża bejn l-UE u l-Ukrajna, jibqa' kruċjali.
11. L-appoġġ militari kollu kif ukoll il-garanziji tas-sigurtà għall-Ukrajna ser jingħataw b'rispett sħiħ għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

12. L-Unjoni Ewropea għadha determinata li tkompli żżid il-persjoni tagħha fuq ir-Russja u tkompli ddgħajjef l-ekonomija tal-gwerra tar-Russja biex twaqqaf il-gwerra brutali ta' aggressjoni tagħha u tidħol f'negozjati sinifikattivi għall-paċi. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess l-adozzjoni rapida tal-20 pakkett ta' sanzjonijiet. Huwa jtemni l-importanza li jkompli jitnaqqas id-dħul tar-Russja mill-enerġija u tkompli tiġi ristretta s-sistema bankarja tar-Russja, u evalwa l-isforzi biex jitrażżnu l-operazzjonijiet tal-flotta mistura tar-Russja. Id-dgħajfien tal-mudell kummerċjali tal-flotta mistura Russa jirrikjedi approċċ ta' rotta sħiħa, inkluż billi jiġu indirizzati, permezz ta' approċċ komuni, ir-riskji sinifikanti għall-ambjent, għas-sigurtà u għas-sikurezza marittima maħluqa minn tali bastimenti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar sforzi u azzjoni koordinata mill-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew jišhaq ukoll fuq l-importanza li titkompla l-koordinazzjoni mas-sħab tal-G7 u sħab oħra tal-istess fehma dwar is-sanzjonijiet, li jissaħħaħ l-infurzar ta' miżuri eżistenti u jingħalqu l-lakuni, u li jissaħħu aktar il-miżuri kontra ċ-ċirkonvenzjoni.
13. Il-Kunsill Ewropew iħegġegħ lill-pajjiżi kollha jwaqqfu minnufih kwalunkwe assistenza diretta jew indiretta lir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, u speċjalment permezz tal-provvista ta' oġġetti u komponenti ta' użu doppju. B'mod partikolari, jikkundanna bil-qawwa l-iskjerament tal-forzi militari tar-RDPK fil-gwerra kontra l-Ukrajna kif ukoll l-appoġġ militari sostnut ipprovdut mill-Iran, il-Belarussja u r-RDPK, fost l-oħrajn.
14. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell urġenti tiegħu lir-Russja u lill-Belarussja biex jiżguraw minnufih ir-ritorn sikur u mingħajr kundizzjonijiet lejn l-Ukrajna tat-tfal u l-persuni ċivili Ukreni l-oħra kollha, deportati u trasferiti illegalment. Sforzi oħra ta' għajnuna umanitarja u miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja, b'mod partikolari l-iskambju ta' priġunieri tal-gwerra u r-ritorn ta' detenuti ċivili, iridu jkunu parti mill-perkors li jwassal għall-paċi.

15. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid ukoll l-impenn tal-UE li tiżgura li tintrefa' r-responsabbiltà sħiħa għad-delitti tal-gwerra u d-delitti l-oħra l-aktar serji mwettqa b'rabta mal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella għal sforzi sostnuti fil-qafas tal-Kunsill tal-Ewropa lejn l-operazzjonalizzazzjoni tat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna u l-istabbiliment tal-Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna.
 16. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza t-theddida potenzjali għas-sigurtà interna tal-UE mill-eks kumbattenti Russi li pparteċipaw fl-aggressjoni kontra l-Ukrajna u jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Kunsill b'valutazzjoni dwar modi possibbli biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam.
 17. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.
-